# 27. Il-Bidla ta' Narċis

Narċis waqaf għal ftit ħdejn il-għadira;
l-ebda tuffieħa qatt ma nefħet isbaħ
minn ħaddejn wiċċu, l-għodwa qatt ma lewnet
isbaħ minn ġismu

Fuq il-għoljiet tas-silġ tal-Apennini;
għajnejh bħal żewġ rubini kollha dija
kellhom miġbur ġo fihom l-iżraq kollu
tal-baħar bnazzi.

Ċara u bla kemxa kienet il-għadira,
u qalb ix-xtieli moxxi lewn il-qastan
it-trill b'fommu miftuħ kien jgħanni għanja
fil-qiegħ mitlufa.

Sabiħ il-bosk u sbieħ il-fjuri vjola
iżewqu fl-aħdar kark tal-jakarandi
u fl-aħdar tal-ħaxix nadif u għoli
tal-qiegħa niedja;

Iżda wisq isbaħ ġol-għadira d-dehra!
Tas-siġar qalb l-insiġ irqajja' rqajja'
ta' sema diefi mdellel b'għonq il-wiżża
jew qrun iċ-ċerva,

U f'nofs dil-ħlewwa wiċċ sabiħ igħaxxaq
ta' żagħżugħ żgħir: qalb dak il-weraq aħdar
u aħmar ta' ġol-ġnien, qatt qatt ma lewnet
tuffieħa bħalu!

Oh! t-tieba ta' Narċis li ġewwa l-ilma
xbihetu ma jagħrafx u dlonk jitqarraq
li qalb ix-xtieli moxxi qed jidħaklu
żagħżugħ sabiħ!

"Kemm hi sabiħa l-ħajja tal-għadira!"
għajjat Narċis, "sabiħ is-sema diefi,
u sbieħ il-bosk u l-ħut, u dak it-tfajjel
sultan tal-ħlewwa!

"Ħalluni hemm fil-qiegħ nitwaħħad magħhom!
ħalluni negħreq f'dan il-ġmiel dewwiemi!"
U f'daqqa waħda neħħa l-lbies u ntefa'
ġol-ilma safi.

Għaġeb tal-għeġubijiet! hekk kif ta' laħmu
il-ġmiel fil-qiegħ intefa, fuq wiċċ l-ilma
dehret warda sabiħa bħaż-Żahrija
tiela' mill-baħar!

Qalb il-friegħi u z-zkuk tal-bosk moħbija
Tfajla raħħala rat il-bidla kollha;
ħarġet malajr u mqanqla mis-sbuħija
bdiet tgħajjat hienja:

"Is-sliem għalik, ja Fjur, inti mhux anqas
sabiħ minn dak li ntefa' ġol-għadira;
daqsu sabiħ, u bħalu nsejjaħlek:
Narċis, Narċis."

Minn ġewwa l-kus fewwieħ qabdet iż-żrieragħ
u bdiet ixxerred 'l hawn u 'l hemm madwarha;
Ir-riżq għalik, Narċis, ikber u xxerred
fil-blat u r-raba'.

U meta ġie Jannar bil-bard u l-għera,
nwaru fewwieħ beda ġol-blat ikewkeb.
Qtajjiet, qtajjiet it-tfal għajtu ġox-xagħri:
Narċis, Narċis!